# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 275/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

*Omissis*
**Joseph Scerri**

Illum 27 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra *Omissis* u l-appellant **Joseph Scerri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 169168(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u ċioè talli fl-4 ta' Frar 2018 għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5.30pm) u/jew ħinijiet wara,

ġewwa Triq Farson, Ħamrun u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommettew serq ta' għodda, flus u/jew oġġetti oħra kontanti minn ġewwa vettura tal-għamla Ford Transit bin-numru tar-reġistrazzjoni CCE 265 għad-dannu ta' Ziyad Hamoud u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. fis-7 ta' Mejju 2018 għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar (2pm) u/jew ħinijiet wara minn ġewwa sit ta' kostruzzjoni sitwat fi Triq il-Misraħ il-Barrieri, Santa Venera u/jew f'dawn il-gżejjer, ikkommettew serq ta' ċilindru tal-gass u romblu tal-*membrane* u/jew oġġetti oħra għad-dannu ta' Roderick Psaila, Nicola Farrugia u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37).

Lil Joseph Scerri waħda akkużat ukoll talli:

3. għamel reat waqt perjodu ta' sentenza sospiża;

4. fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi, kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D.) b'digriet datat 16 ta' Lulju 2014 li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet fosthom li ma jikkommettiex reat ieħor ta' natura volontarja kif ukoll b'garanzija personali ta' €4,000.

Il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tqis lill-imputat Joseph Scerri u *Omissis* bħala li saru reċidivi *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienu misjuba ħatja ta' diversi sentenzi mogħtija lilhom mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skont il-liġi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digriet li bih Joseph Scerri ngħata l-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u kif ukoll tordna li s-somma ndikata bħala garanzija personali tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat f'Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Ġunju 2018, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 49, 50, 261(b)(c)(g), 263(b), 267, 271, 278(3), 279(a), 280(2), 281(b), 289 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tagħhom u filwaqt li lil *Omissis* ikkundannatu sentejn (2) priġunerija li b'applikazjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospizi għal erba' (4) snin, lill-imputat Joseph Scerri kundannatu erbatax (14)-il xahar priġunerija. L-Ewwel Qorti ordnat r-revoka tad-digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti fil-konfront tal-imputat u datat sittax 16 ta' Lulju 2016 mill-Maġistrat Dr. Antonio Micallef Trigona u fl-istess ħin ordnat il-ħlas tal-garanzija personali mposta fuqu fl-ammont ta' erbat elef Euro (€4,000). Finalment l-Ewwel Qorti tat lil *Omissis* l-ispjegazzjoni preskritta f'Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant Joseph Scerri ppeżentat fl-20 ta' Ġunju 2018 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din il-Qorti sabiex: *"tiddikjara s-sentenza nulla u bla effett u fin-nuqqas tirriforma s-sentenza billi tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza in segwitu ta' appell li ġie ppreżentat wara li ngħatat is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-11 ta' Ġunju 2018. Għandu jingħad li din is-sentenza msemmija ġiet mogħtija fil-konfront tal-appellant u kif ukoll fil-konfront ta' David Bugeja. Jirriżulta li David Bugejja ma appellax mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u li din is-sentenza tirrigwarda l-appell tal-appellant Joseph Scerri.

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li qabel ma saret id-dikjarazzjoni tiegħu, l-Uffiċjal Prosekutur kien tah assigurazzjoni li kien ser jingħata erba' xhur priġunerija biss u kien biss b'din l-informazzjoni u assigurazzjoni li hu aċċetta li jiddikjara li hu ħati.

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li meta tressaq bl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu huwa ma ngħatax il-fakulta' li jirċievi parir legali fuq dak li qallu l-iSpettur u dak li kien akkużat bih. Jgħid li hu ma kellux opportunita' li jiddiskuti l-konsegwenzi legali b'dak li kien ser jiddikjara. Jgħid li filwaqt li huwa minnu li l-Ewwel Qorti tagħtu żmien biex jaħsibha, pero' hu kien qed jagħmel dan bl-informazzjoni żbaljata.

Illi l-appellant jissottometti wkoll li s-sentenza appellata m'hijiex ekwa u ġusta u li l-Qorti mhijiex tenuta tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tista' tapplika sentenzi alternattivi.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti tipproċedi ulterjorment hija tal-fehma li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għal Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tinnota li meta fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant Scerri fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu, fid-*decide* tas-sentenza appellata hija rriferiet għas-segwenti artikoli tal-liġi: *"Artikoli 18, 49, 50, 261(b)(c)(g), 263(b), 267, 271, 278(3), 279(a), 280(2), 281(b), 289 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta"*. Jirriżulta li l-appellant instab ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu pero' jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tindika l-artikolu tal-liġi li minnu temerġi t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u ċioè fejn ġie akkużat li kkommetta reat waqt perjodu ta' sentenza sospiża. *Ai termini* ta' Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hawn fuq ċitat, ġialadarba l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal-imputazzjoni msemmija, hija kellha tindika l-artikolu in kwistjoni.

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn ingħad hekk:

> "Li skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat;
>
> Fil-kaz in eżami, l-Ewwel Qorti f'ebda ħin ma ddikjarat espressament ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant ħati

u għalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha ġraw il-fatti, b'mod li wieħed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x'hiex seta' nstab ħati, dan jibqa' alkwantu inċert, partikolarment meta ssir riferenza għall-artikoli ċitati mill-Qorti bħala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li tagħhom suppost instab ħati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali u huma jew ineżistenti jew manifestament mhux relatati mal-każ. Meta l-liġi issemmi li l-Qorti *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja – anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"** [25.9.2003]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"** [10.7.2002 u 28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"** [24.4.2002], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005]; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu ħażin jew addirittura l-indikazzjoni tal-liġi skorretta hu ekwiparat ma' n-nuqqas ta' ċitazzjoni tal-artikolu tal-liġi li taħtu tkun instabet ħtija. (ara **"Il-Pulizija vs. Mario Agius"** [3.2.1995] u oħrajn).

> Illi ġie ukoll ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *"ex officio"* għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra"** [26.5.1994]; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi"** [6.1.2005] u oħrajn).
>
> Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza għandu jiġi akkolt mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati, imma ukoll għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio"*, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma ineżistenti jew manifestament żbaljati."

Illi minkejja li dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ikkwotata ma kienx identiku eżatt għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, din il-Qorti tinnota li n-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tindika l-artikolu tal-liġi li minnu temerġi t-tielet (3) imputazzjoni li nstabet ħtija tagħha fl-appellant, jwassalha sabiex tabbraċċja l-insenjament hawn fuq ikkwotat.

Illi kif qalet is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** hawn fuq iċċitata:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage**.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda *ex officio* tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**